- *POLZA TA' ASSIKURAZZJONI –*
- *UBERIMAE FIDAE –*
- *ESEKUZZJONI IN BUONA FEDE –*
- *INTERPRETAZZJONI TA' KUNTRATTI -*
- *NEMO IMPOSSIBILIA TENETUR –*
- *PERSUNA DISTINTA GURIDIKA TA' SOCJETA' –*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 ta' Jannar 2002**

**Kawza Numru: 27**
**Citazzjoni Numru: 866/95/RCP**

**Dr Gerald Montanaro Gauci ghan-nom u in rappresentanza ta' Seal International Limited kif debitament awtorizzat**

**vs**

**Alex Agius Cesario bhala Chairman u ghan-nom u in rappresentanza tas-societa**

**Malta Export Credit Guarantee Company Limited**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` konvenuta Malta Export Credit Guarantee Company Limited kienet harget favur l-attur polza ta' assikurazzjoni b'*guarantee reference* no. *Number* 0/0010/9104 taht liema polza gew assikurati r-riskji tal-attur fil-bejgh u esportazzjoni ta' merkanzija lis-socjeta` estera Micro 2000Sport AB (Dok A).

Illi s-socjeta` konvenuta giet debitament informata bin-negozjati li kienu qeghdin isiru mas-socjeta` Micro 2000 Sport AB.

Illi s-socjeta` konvenuta kienet insistiet li s-socjetajiet Elbe Sport HB u Skattbergs Modetrika AB taghti garanzija ghal hlas (Dok B) liema garanzija giet debitament moghtija.

Illi qabel ma s-socjeta` attrici spediet il-merkanzija informat lis-socjeta` konvenuta bil-kundizzjonijiet tal-komprovendita.

Illi wara li sar il-bejgh u wara li l-merkanzija giet esporata minn Malta s-socjeta` Micro 2000 Sport AB ma kienitx f'posizzjoni finanzjarja li thallas ghall-merkanzija.

Illi inoltre s-socjetajiet li hargu l-garantees marru *in receivership*.

Illi s-socjeta` konvenuta kienet debitament informata b'dan u peress li s-socjeta` attrici ghamlet kollox sabiex timinimizza d-danni;

Illi sussegewentement s-socjeta` konvenuta talbet prokura minn ghand is-socjeta` attrici sabiex tkun tista' tipprocedi legalment kontra d-debitur u/jew il-garantors.

Illi s-socjeta` konvenuta qabdet l-avukati taghha f'Malta sabiex jipprocedu skond il-ligi ghall-istess skop.

Illi sa fejn jaf l-attur, il-proceduri legali kontra s-socjeta`/socjetajiet esteri ma kellhomx esitu favorevoli.

Illi l-attur issottometta l-*claim* relattiv mas-socjeta` konvenuta.

Illi s-socjeta` konvenuta issa qieghda tirrifjuta li tonera dan il-*claim* billi tippretendi li s-socjeta` attrici ghandha jew kellha tibda proceduri kontra l-azzjonisti tas-socjeta` Elbe Sport HB personalment.

Illi jidher car li s-socjeta` konvenuta qeghda tipprova li ma tonorax l-obligazzjonijiet assunti minnha.

Illi ghalhekk l-attur sofra danni u s-socjeta` konvenuta ma tridx taghmel tajjeb ghat-telf li sofra l-attur.

Illi l-istess attur nomine ghalhekk talab li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` konvenuta hija legalment tenuta w obbligata li taghmel tajjeb ghad-danni li sofra l-attur konsegwenza ghal riskju kopert mill-polza ta' assikurazzjoni.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur anki b'opera ta' periti nominandi.

3. Tikkundanna s-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-attur nomine s-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez komprizi u bl-imghax kummercjali.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 6 sa 10 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-25 ta' Settembru 1995 a fol 14 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi, preliminarjament, din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni biex tisma u tiddeciedi dan il-kaz in vista tal-

klawsola arbitrali fl-artikolu 16.9 tal-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni (Dok. C);

2. Illi, minqhajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' eccipjenti ma hijiex tenuta u obbligata li taghmel tajjeb ghall-allegat telf, stante li ma gewx sodisfatti l-kondizzjonijiet msemmija fl-artikolu 7.1 tal-polza ta' assikurazzjoni (Dok. C), partikolarment dawk imsemmija fi klawsoli 7.1.1, 7.1.3 u 7.1.5 tal-istess polza;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' eccipjenti ma hijiex tenuta u obbligata li taghmel tajjeb ghall-allegat telf, skond klawsola 8.2.2 tal-polza ta' assikurazzjoni sakemm l-attur noe ma jottjenix sentenza kontra l-garanti;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut noe a fol 15 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti ezebiti a fol 16 sa 38 tal-process.

Rat il-verbal tat-13 ta' Novembru 1995 fejn il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni dwar l-ewwel eccezzjoni ghat-23 ta' Frar 1996.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta tad-19 ta' Dicembru 1995 (fol 41).

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici tat-8 ta' Frar 1996 (fol 44).

Rat il-verbal tat-23 ta' Frar 1996 fejn id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar xi jzidu man-noti ta' osservazzjonijiet taghhom. Il-kawza giet differita ghall-15 ta' Novembru 1996 ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni.

Rat il-verbal tal-15 ta' Novembru 1996 fejn il-kawza giet deciza in parte fejn l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni giet respinta u l-Qorti ddikjarat li ghandha l-kompetenza biex tiehu konjizzjoni tal-kawza.

Rat il-verbali tal-5 ta' Marzu 1997, tal-24 ta' Ottubru 1997 fejn xehed Victor Agius, tal-15 ta' Dicembru 1997, tal-20 ta' Marzu 1998 u tal-11 ta' Mejju 1998.

Rat in-nota tal-konvenut noe tat-18 ta' Gunju 1998 fejn gie esebit l-affidavit ta' Victor Agius (fol 67 sa 76).

Rat il-verbali tas-26 ta' Gunju 1998, tat-30 ta' Novembru 1998, tat-12 ta' April 1999, tas-17 ta' Mejju 1999, tal-10 ta' Dicembru 1999, tal-24 ta' Jannar 2000, tat-28 ta' Frar 2000 fejn il-Qorti rrilevat li x-xhieda migbura mill-Imhallef Supplenti Dr Vincent Falzon mhiex inserita fil-process u ghalhekk ordnat lir-Registratur tal-Qorti sabiex tinstab din ix-xhieda u tigi nserita f'dan il-process.

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qorti tas-27 ta' Marzu 2000 u d-dokumenti esebiti (fol 91 sa 178).

Rat il-verbali tas-27 ta' Marzu 2000, tad-19 ta' Mejju 2000, u tal-5 t'Ottubru fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament ippresjeduta.

Rat il-verbal tas-6 ta' Dicembru 2000 fejn Dr Richard Camilleri ddikjara li m'ghandux provi aktar b'dan pero li obbliga ruhu li fi zmien tlettin (30) jum jipprezenta kopja tal-varji dokumenti li ngabru waqt li xehed Victor Agius quddiem l-Imhallef Supplenti u li jinsabu fi process Cit Nru 368/95/GC. Inghata digriet tal-affidavit lis-socjeta` attrici ta' erbghin (40) jum u l-kawza giet differita ghas-27 ta' Frar 2001 ghall-provi attrici.

Rat in-nota ta' Dr Gerald Montanaro Gauci tas-27 ta' Frar 2001 (fol 188 sa 189 tal-process) fejn gie esebit l-affidavit tieghu stess.

Rat in-nota tat-3 ta' Mejju 2001 tal-attur fejn in konnessjoni mal-affidavit tieghu gia prezentat esebixxa xi dokumenti (fol 190 sa 375).

Rat il-verbal tas-17 ta' Mejju 2001 fejn Dr Philip Manduca ghall-atturi ddikjara li m'ghandux provi aktar.

Rat in-nota tal-konvenut noe tat-8 ta' Gunju 2001 fejn permezz taghha esebixxa xi dokumenti li kienu ngabru

waqt ix-xhieda ta' Victor Agius quddiem l-Imhallef Supplenti (fol 378 sa 406).

Rat il-verbal tat-3 ta' Ottubru 2001 fejn xehed Dr Gerald Montanaro Gauci u Dr Richard Camilleri ddikjara li m'ghandux provi aktar. Id-difensuri talbu li jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta' Jannar 2002.

Rat ir-rikors tal-attur nomine tat-22 ta' Jannar 2002 sabiex jipprezenta dokument u jipprezenta nota tal-osservazzjonijiet u d-digriet ta' din il-Qorti datat 24 ta' Jannar 2002 fejn cahdet l-istess rikors stante li l-istess nota giet prezentata tardivament u l-provi ilhom li gew dikjarati maghluqa.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta tat-28 ta' Jannar 2002.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti datat 29 ta' Jannar 2002 fejn irrevokat *contrario imperio* d-digriet taghha tal-24 ta' Jannar 2002 u ammettiet il-produzzjoni tan-nota ta' osservazzjonijiet attrici u d-dokument anness.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet datata 22 ta' Jannar 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din l-kawza tikkoncerna talba ghall-likwidazzjoni u ghall-hlas ta' danni li s-socjeta' attrici Seal International Limited qeghda tallega li nkorriet wara li s-socjeta' konvenuta Malta Export Credit Company Limited naqset milli tapprova *claim* imressqa minnha a bazi ta' polza ta' assikurazzjoni li hargitilha l-istess socjeta' konvenuta.

Illi s-socjeta' attrici Seal International Limited kienet tesporta merkanzija lejn diversi pajjizi esteri. Is-socjeta' konvenuta Malta Export Credit Company Limited, tramite l-intervent manigerjali tal-Middle Sea Insurance p.l.c. giet ikkuntrattata minn Seal International Limited sabiex tassikuraha fil-hlas tal-kunsiderazzjonijiet li hija kellha tircievi mill-klijenti esteri taghha wara li Seal International Limited tkun invjat il-merkanzija ordnata. Din il-polza, li kellha tiggedded perjodikament, kienet tistipula x'kien il-limitu ta' kreditu ghal kull xerrej.

Illi Seal International Limited ressqet diversi *claims* a bazi ta' din il-polza, dejjem ghaliex ma kienitx thallset il-kunsiderazzjoni tal-merkanzija esportata. L-ewwel *claim* giet accettata, tant li giet regolarment imhallsa taghha. Il-*claims* l-ohra kollha sussegwenti gew ripudjati mis-socjeta' konvenuta kif jirrizulta mill-elenku a fol. 74 u 75 tal-process, u dan ghal diversi ragunijiet. Bhala konsegwenza ta' dan is-socjeta' attrici ntavolat diversi azzjonijiet gudizzjarji kontra s-socjeta' konvenuta.

Illi din il-kawza tikkoncerna *claim* partikolari avvanzata minn Seal International Limited ghar-rigward ta' n-nuqqas ta' hlas ta' konsenja ta' merkanzija maghmula minnha lil socjeta' registrata fl-Isvezja bl-isem ta' Micro 2000 Sport AB.

Illi fid-difiza taghha s-socjeta' konvenuta qeghda ttallega li hija ma kienitx obbligata thallas lis-socjeta' attrici Seal International Limited stante li s-socjeta' attrici naqset milli tosserva l-pattijiet u kundizzjonijiet tal-polza. Effettivament il-polza tidhol f'certu dettal dwar dawk li huma l-obbligazzjonijiet tal-kontrajenti, partikolarment dawk tal-assikurata, sabiex l-istess socjeta' attrici tkun intitolata ghal rizarciment. Ghaldaqstant, sabiex din l-Qorti tkun f'qaghda li tiddetermina t-talbiet attrici, huwa mehtieg li tindaga jekk huwiex tassew minnu li s-socjeta Seal International Limited naqset milli tosserva l-kundizzjonijiet tal-polza.

Illi skond il-polza kkuntratta bejn il-kontendenti il-*Guaranteed Risks* (*i.e*. r-riskji ta' Seal International Limited koperti mill-polza) kienu s-segwenti:

*"3.1.1. The Insolvency of the Buyer;*

*3.1.2. The failure of the Buyer to pay the Insured within 6 months after the Due Date of Payment the Amount Owing in connection with goods delivered to and accepted by the Buyer.*

*3.1.3. The failure or refusal of the Buyer to accept goods dispatched:*

*Provided that this Risk shall not apply unless Malta Export Credit Company Limited has agreed in writing that no useful purpose would be served by the institution or continuation of legal proceedings against the Buyer."*

Illi Seal International Limited ipprezentat il-*claim* taghha a bazi tal-artikoli 3.1.1. u 3.1.2. fuq citati, u dana peress li wara li sehhet il-konsenja kemm il-*Buyer* (Micro 2000 Sport AB) kif ukoll il-*Guarantors* iddikjaraw ruhhom bhala falluti (*insolvent*), u l-hlas dovut ma sehhx fi zmien 6 xhur mill-konsenja. Dawn iz-zewg fatti ma humiex ikkontestati mis-socjeta' konvenuta.

Illi l-artikoli specifici tal-polza li qieghdin jigu nvokati mis-socjeta' konvenuta *Malta Export Credit Company Limited* fid-difiza taghha huma s-segwenti:

*"<u>Conditions Precedent to Liability</u>*

*7.1. Where the loss arises in relation to any Contract, Malta Export Credit Company Limited's liability for such loss is contingent upon each and all of the following conditions precedent being fulfilled -*

*Observance of Stipulations and Disclosure of Material Facts*

*7.1.1. that the Insured has performed and observed each and every stipulation set out in this Guarantee and the Proposal, and, has disclosed all facts material to the risk insured;*

*Credit Limit*

*7.1.3. that, at the date loss is ascertained, a Credit Limit has been established for the relevant buyer and any conditions attached thereto have been complied with;*

*Proofs of Claims*

*7.1.5. that the Insured has supplied such proofs as are specified in clause 9 of the Guarantee".*

Illi jigi mill-ewwel rilevat li mill-provi kumpilati ma jirrizulta fl-ebda mod li, hlief ghal dak li ser jinghad aktar 'l quddiem f'din s-sentenza, ir-rekwiziti tal-artikoli 7.1.3 u 7.1.5. ma gewx sodisfatti, tant li s-socjeta' konvenuta ma ressqet l-ebda prova f'dan is-sens. Jinghad ukoll li anke l-korrispondenza li ghaddiet bejn il-kontendenti dwar din il-kwistjoni turi fl-aktar mod car li l-oggezzjoni tas-socjeta' konvenuta qatt ma kienet effettivament ibbazata fuq iz-zewg artikoli fuq citati u fil-fatt ma hemm ebda riferenza ghall-istess fil-korrispondenza esebita hlief f'relazzjoni mal-artikolu 8.2.2 tal-istess polza li tikkostitwixxi l-kontestazzjoni ewlenija f'din il-kawza. Illi fi kwalunkwe kaz mill-kumpless tal-provi prodotta ma jirrizultax li s-socjeta` konvenuta

issodisfat l-oneru taghha f'dan ir-rigward u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi michuda.

Illi s-socjeta' konvenuta fil-fatt qeghdha tinsisti (u dejjem insistiet) li hija ma hijiex tenuta tirrizarcixxi lil Seal International Limited minhabba li naqset milli tosserva dak stipulat fl-artikolu 8.2.2. tal-polza. Meta giet innegozjata l-polza, is-socjeta' konvenuta kienet ezigiet li zewg socjetajiet Svedizi ohra (li kienu l-azzjonisti tas-socjeta' Micro 2000 Sport AB) kellhom ikunu marbuta solidalment mas-socjeta' Micro 2000 Sport AB. Din il-kundizzjoni giet onorata mis-socjeta' attrici u s-socjetajiet Elbe Sport HB u Skattbergs Modetrika AG gew effettivament inkluzi fin-negozju bhala garanti solidali. Issa, is-socjeta' konvenuta qieghedha tinsisti li peress li s-socjeta' attrici ma osservatx dak li jistipula 8.2.2. hija ma ghandha l-ebda jedd titlob hlas taht il-polza. Dan l-artikolu jipprovdi illi ma jsir l-ebda hlas:

*"unless and until the guarantor or surety has paid any amount for which he is liable or a judgment has been obtained against the guarantor or surety in such manner as Malta Export Credit Company Limited may have specified … … … …".*

Illi s-socjeta' konvenuta Malta Export Credit Guarantee Company Limited qeghedha tibbaza s-sottomissjoni taghha fuq il-fatt li Seal International Limited naqset milli tottjeni sentenza definittiva kontra l-garanti esteri, liema obbligu kien, skond hi, esklussivament ta' Seal International Limited.

Illi s-socjeta' attrici, minn naha l-ohra, qeghedha tghid li kien l-obbligu tas-socjeta' konvenuta li tipprocedi gudizzjarjament jew f'mod iehor li jidhrilha xieraq kontra l-garanti. Is-socjeta' attrici tghid ukoll li bhala prova ta' dan, l-istess socjeta' attrici (bi qbil maghha) inkarigat avukati Svedizi sabiex jirkupraw il-kreditu.

Illi l-Qorti tosserva li skond l-artikolu 12.2. tal-polza, l-assikurat kien obbligat jawtorizza lis-socjeta' konvenuta jekk din hekk tirrikjedi sabiex tistitwixxi proceduri gudizzjarji kontra kwalunkwe persuna marbuta bis-sahha tal-kuntratt li ghalih kellha taghmel tajjeb is-socjeta' konvenuta. Jidher li din is-socjeta' konvenuta ma ghamlitux, stante li ma accettatx il-*claim* mill-bidu, pero' minn naha l-ohra jidher li hija interveniet direttament sabiex tikrupra l-kreditu minghand is-socjetajiet garanti tant li anke qabdet avukat svediz sabiex tara x'inhuwa l-possibilita' ta' success f'kaz li jigu intavolati kawzi kontra l-istess socjetajiet garanti u indikati fil-polza.

Illi fil-fehma tal-Qorti, anke jekk jigi argumentat li l-avukati Svedizi gew inkarigati bi qbil bejn il-kontendenti, huwa ingust li s-socjeta' konvenuta issa tghid li s-socjeta' Seal International Limited ma ghandha l-ebda jedd titlob hlas minghandha peress li hija wahedha ma kisbitx sentenza definittiva kontra l-garanti. Li tista' tilmenta minnu s-socjeta' konvenuta huwa l-fatt li Seal International Limited naqset milli thallas sehemha mill-ispejjes dovuti lill-avukati Sevedizi, hekk kif kienet obbligata li taghmel skond l-

artikolu 12.6 tal-polza u dan japplika biss fil-kaz ta' accettazzjoni ta' *claim* da parte tas-socjeta' konvenuta, li minnha jiskaturixxi l-obbligu da parte tas-socjeta' attrici assikurat li timminizza l-ammont ta' hsara u sabiex jigu rekuperati parti mill-ammonti kollha suggetti ghall-istess *claim* u indikati fl-istess polza.

Illi s-socjeta' attrici Seal International Limited tghid li qatt ma giet mitluba twettaq dan il-hlas, izda l-Qorti hija konvinta li din it-talba effettivament saret, kif evidenzjat fl-ittra tas-socjeta' konvenuta datata 13 ta' Awissu 1993

Il-Qorti taqbel ukoll ma' dak li ntqal mill-Avukat Dr. Gerald Montanaro Gauci, wiehed mid-diretturi tas-socjeta' Seal International Limited, illi l-garanti rikjesti mis-socjeta' konvenuta kienu z-zewg socjetajiet Elbe Sport HB u Skattbergs Modetrika AB u mhux l-azzjonisti taghhom, u dan ghaliex jidher car li fl-ittra tat-13 ta' Awissu 1993, is-socjeta' konvenuta insistiet li s-socjeta' attrici kellha taghmel kawza kontra l-familja Backlund bhala azzjonisti tas-socjetajiet garanti, haga li ma hijiex indikata lanqas taht l-artikolu invokat mis-socjeta' konvenuta, peress li l-artikolu 8.2.2. jirreferi biss ghall-azzjonijiet kontra l-entitajiet u s-socjetajiet garanti jew il-hlas min-naha taghhom, u mhux sentenza, proceduri jew hlas kontra l-azzjonisti tal-istess socjetajiet.

Illi fil-fatt dan huwa il-perm kollu tal-kwistjoni odjerna, stante li jidher car li b'tali direzzjoni manifestata mis-socjeta' konvenuta kemm fil-korrispondenza taghha fuq riferita u

kemm mix-xhieda ta' Victor Agius fl-affidavit tieghu tat-12 ta' Gunju 1998 a fol. 68 sa fol. 75 tal-process, jirrizulta li l-istess socjeta' konvenuta qed tinsisti li sabiex tigi accettata l-*claim* iridu jsiru proceduri bil-konsegwenti sentenza kontra l-familja Backlund jew inkella din thallas l-istess somma dovuta.

Illi fil-fatt l-istess xhud tas-socjeta' konvenuta sostna li:-

*"MECI irrifjutat li thallas il-klejm u insistiet li peress li skond Klawsola 8.2.2. tal-Garanzija tal-MECI ma jkunx hemm telf skond il-Garanzija sakemm min jigarantixxi l-pagament, f'dan il-kaz il-familja Backlund, jew ihallas l-ammont garantit (l-ammont tal-klejm) jew tigi ottenuta sentenza kontrih".*

*"Illi skond it-termini tal-garanzija, l-assigurat ghandu l-obbligu jifittex lill-familja Backlund".*

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan huwa kollu manifestament zbaljat u tali tezi tas-socjeta' konvenuta ma tistax tigi accettata, (anke jekk jigi koncess, biss ghall-grazzja tal-argument li skond il-ligi Svediza (li provi taghha ma ingabux) l-istess familja Backlund bhala azzjonisti jibqghu personalment responsabbli ghall-hlas tal-istess kreditu), u dan peress li l-artikolu 8.2.2 tal-istess polza u l-*Statement of Credit Limit Conditons* (fol. 394) jiddentifikaw lill-entitajiet u lis-socjetajiet Skattbergs Modetrika AB u Elbe Sport HB (indikata bhala *Independent Guarantors*) bhala l-unici garanti tal-istess hlasijiet koperti bil-polza fuq l-mertu tal-

kawza odjerna, u mkien ma huwa imsemmi li tali garanzija ghandha testendi wkoll ghal fuq l-azzjonisti tal-istess socjeta' indikati.

Illi ghalhekk huwa inkorett ghal kollox dak li jinghad minn Victor Agius f'pagna 75 tal-process li t-telf ma giex accettat ghaliex *"Seal ma hadux azzjoni legali kontra t-terza persuna garanti"* stante li dan qed jirreferi dejjem ghall-istess azzjonisti tas-socjetajiet garanti fuq imsemmija, u ghalhekk qatt ma kienet kundizzjoni tal-polza li tali garanti ghandhom jestendu wkoll kontra l-azzjonisti tal-istess socjetajiet.

Illi f'dan il-kaz japplika l-principju stabbilit fl-istess sentenzi ta' dawn il-Qrati dwar ir-regoli ta' interpretazzjoni li ghandhom japplikaw ghal kull ftehim raggunt bejn il-partijiet u f'dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li l-kliem tal-istess kuntratt u dokumenti relattivi huwa car u ma jhalli l-ebda dubju dwar is-sinifikat tieghu, tant li l-istess dokumenti esebiti jindikaw liz-zewg socjetajiet esteri hawn fuq indikati bhala l-unici garanti tal-istess kreditu li jifforma l-bazi tal-*claim* tas-socjeta' attrici, u dan huwa addirittura ammess mill-istess socjeta' konvenuta, li qed tinsisti fuq il-proceduri kontra l-familja Backlund biss fuq interpretazzjoni tal-ligi Svediza skond l-avukat minnhom inkarigat, liema parir, anke jekk korrett, pero' bl-ebda mod ma jista' jbiddel in-natura tal-ftehim raggunt bejn il-partijiet u manifestat mid-dokumenti kollha skritti sabiex jikkonkludu l-hrug tal-istess polza, u ghalhekk fid-dawl tal-premess ma hemm l-lok ta' ebda interpretazzjoni.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. RCP.30 ta' Novembru 2000) *"ghalhekk hawn japplika l-principju stabilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 12**, fejn meta il-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha"* **("Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb" -** A. C. 30 ta' Marzu 1997).

Illi dan huwa wkoll konformi mal-principju *'contra scriptum non est argumentum',* li jibqa' japplika sakemm ma tingiebx prova li tali skrittura hija nieqsa minn xi element kostitutiv taghha, prova li ovvjament f'din l-kawza ma ingabitx, u l-unika prova li hemm u cioe' d-dokumenti li jifformaw il-legami bejn il-partijiet odjerni jikkonfermaw it-tezi attrici.

Illi fil-fatt ma hemm l-ebda dubju dwar is-sinifikat tal-istess kuntratt, u iz-zewg socjetajiet indikati bhala garanti li huma imsemmija specifikatament, u it-tifsira u l-ftehim dwar l-istess huwa car u ghalhekk ma hemm l-ebda lok ta' interpretazzjoni, u ghalhekk din il-Qorti ser toqghod fuq it-tifsira normali tal-istess kliem u dan huwa il-bazi tal-principji hawn fuq enuncjati, u ghal liema kwotazzjonijiet fuq indikati din il-Qorti qed taghmel riferenza ampja. **("Joseph Grech Sant nomine vs Avukat Dr. Riccardo Farrugia *et nomine*" -** A.C. 28 ta' Frar 1997).

Illi dawn il-principji gew konsistentament ribaditi mill-Qrati taghna, inkluza minn din il-Qorti kif presjeduta tant li fis-sentenzi **"Emmanuel Schembri et vs Leonard Ellul et"** (P.A. (RCP) 30 ta' Ottubru 2000) u **"Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni"** (P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001) gie ri-affermat li *"huwa principju generali fl-interpretazzjoni tal-kuntratti dak stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 16** u cioe' li meta "il-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu taz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni".* Tal-istess portata hija s-sentenza **"Alfrida Borg vs Carmen Camilleri *et"*** (P.A. (RCP) 2 ta' Ottubru 2001).

Illi bl-aktar mod esplicitu gie ritenut li "*l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. "Pacta sunt servanda*". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"**).

Illi l-istess sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tkompli tghid "*Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu*" (Vol. XXXIV, P. III., p. 746).

Illi intqal inoltre anke fis-sentenza **"General Cleaners Company Limited vs Attorney General et"** (P.A. (RCP)

29 ta' Novembru 2001 li "*l-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher cara mill-kumpless tal-konvenzjonijiet*" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza "**Beacom vs Spiteri Staines"** – ibid; "**Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" –** P.A. RCP. 12 ta' Lulju 2001; "**Anton Spiteri vs Alfred Borg"** – P.A. RCP. 30 ta' Novembru 2000; "**Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" –** P.A. RCP 30 t'Ottubru 2001).

Illi ghalhekk jirrizulta, u din hi anke hija *r-ratio* tal-ligi, (**art. 1004 tal-Kodici Civili**) illi l-interpretazzjoni li trid tinghata, meta klawsola tista' tfisser haga u ohra, din ghandha tinftiehem dik il-haga li biha jista' jkun hemm xi effetti milli dik il-haga li biha ma seta' jkun hemm ebda effett. Disposizzjoni li tirrifletti l-principju "*in dubiis interpretatio capienda est, ut dispositio potius valeat quam pereat".*

Illi fil-kaz odjern ma hemm l-ebda lok ta' disgwid f'dak li l-partijiet ftehmu li kellu jsir fil-kuntest tal-persuni legali li kellhom jaghtu garanzija ghall-hlas tal-prezz lis-socjeta' attrici, u dawn huma indikati *ut sic* bhala s-socjetajiet hawn premessi u ma hemm l-ebda riferenza ghall-azzjonisti tal-istess socjetajiet, tant li dan il-fatt huwa accettat mis-socjeta' konvenuta, li minhabba li l-istess socjetajiet gew

likwidati qed tinsisti li minflok tali socjeta' attrici ghandha jew kellha tagixxi kontra l-azzjonisti tal-istess, li assolutament ma huwiex kontemplat fl-istess polza u fid-dokumenti ancillari ghall-istess. Konxju ta' dan ix-xhud Victor Agius indika li *"skond il-garanzija l-assikurat ghandu obbligu jfittex lill-familja Backlund",* pero' in verita' dan ma jirrizultax la mill-polza u lanqas mid-dokumenti esebiti fl-istess kawza, u huwa kontrarju ghall-kuncett u regola li socjeta' u entita` debitament registrata skond il-ligi, kif inhuma l-istess garanti, ghandhom personalita' distinta minn dik tal-membri taghha, u ghalhekk l-obbligazzjonijiet tal-istess socjetajiet garanti ma jistghu qatt jigu estizi ghall-azzjonisti tal-istess, sakemm dan ma kienx hekk pattwit espressament bejn il-partijiet, li ovvjament f'dan il-kaz ma sarx.

Illi *di piu`* l-argument avvanzat mis-socjeta' konvenuta, u cioe' li s-socjeta' attrici kellha tipprocedi kontra l-azzjonisti tas-socjetajiet garanti hija ammissjoni da parte tas-socjeta' konvenuta innifisha li abbazi tal-fatti esposti fl-affidavit ta' Victor Agius, u cjoe' li s-socjeta' Skattbergs Moderika AB giet dikjarata falluta fit-18 ta' Awissu 1992 waqt li s-socjeta' Elbe Sport waqfet topera fis-26 ta' Awissu 1992, u dawn ma kellhom ebda assi, ma kien hemm ebda skop li dan issir peress li dan kien iwassal biss ghall-spejjez inutili biex jittiehdu proceduri kontra l-istess socjetajiet, u kien ghalhekk li l-istess socjeta' konvenuta bdiet tinsisti fuq proceduri kontra l-azzjonisti Backlund, li pero' kif inghad iktar il-fuq ma kienux konformi mal-ftehim raggunt mas-socjeta' attrici tramite l-istess polza.

Illi dan qed jinghad bla pregudizzju ghall-possibbilita' li xejn ma jzomm lis-socjeta' konvenuta li la darba tigi accettata l-istess *claim* u la darba jigi accettat li jsir il-hlas lis-socjeta' konvenuta, l-istess socjeta' konvenuta tagixxi biex tirkupra l-hlas li ghamlet, u f'dan il-kuntest s-socjeta' attrici jista' jkun li tigi mitluba tagixxi taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 12.5 tal-istess polza, li tagixxi biss sabiex tigi rkuprata l-istess somma mhallsa jew parti minnha. Izda in verita' dan ma huwiex mertu tal-kawza odjerna stante li l-kawza odjerna hija dwar l-accettazzjoni o meno tal-*claim*, mentri dak fuq indikat jirreferi ghall-*action after payment of claim*.

Illi fid-dawl ta' dan kollu jidher li ma hemm u ma kien hemm l-ebda gustifikazzjoni sabiex is-socjeta' konvenuta tinsisti kif ghamlet li kellha ssir kawza wkoll kontra s-socji taghhom.

Illi dan huwa kkonfermat mill-fatt li ghalkemm huwa veru, li l-avukati Svedizi fil-*fax* taghhom tal-24 ta' Settembru 1992 kienu ssuggerew li ssir kawza wkoll kontra s-socji ta' Elbe Sport HB peress li dina kienet *partnership* u peress li l-procedura adottata minnhom fix-xoljiment tal-kumpanija kienet difettuza, pero' jigi rilevat ukoll li anke dina l-korrispondenza hija xhieda tal-fatt li f'dan l-istadju kienet is-socjeta' konvenuta li kienet qeghda tittanta tipprova tirkupra l-kreditu, u kienu l-avukati taghha stess li bdew jikkorrispondu mal-Avukati Svedizi sabiex jigi rikoverat il-kreditu u dan fl-isfond mhux bhala kondizzjoni ghall accettazzjoni tal-*claim* attrici, izda sabiex hija tirkupra parti

mill-ammont u ghalhekk tnaqqis mill-ammont li hija setghet tizborsja sabiex tissodisfa l-istess talba tas-socjeta' attrici, u dan skond id-diposizzjonijiet fuq riferiti tal-artikolu 12 tal-polza, pero' dan ma ghandu jkollu l-ebda effett ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 8.2.2 citat mis-socjeta' konvenuta.

Illi dan huwa konsistenti ma dak li l-*Users Manual* jispjega fl-aktar mod car meta jghid li *"For the first stage, you have the obligation under the Guarantee to take all possible steps to pursue the debtor including if appropriate and also if we require you to do so, to take legal action. When we are satisfied that you have shown due care and diligence and have taken all reasonable measures to prevent or minimize loss (whether actual or potential) and have acted as directed by us, we will be prepared to share the costs of all such actions … … … …"* (pagna 15 tal-Manual). Dan wara kollox ma huwa xejn hlief riflessjoni ta' dak li hemm espressament indikat mill-artikolu 12.2.2. li jipprovdi illi: *"… … … a judgment has been obtained against the guarantor or surety in such manner as Malta Export Credit Company Limited may have specified … … …".*

Illi f'dan il-kuntest huwa car li mill-provi prodotti s-socjeta' attrici kienet lesta li taghmel dak li gie ssuggerit minnha lis-socjeta' konvenuta u dan billi tghin fir-*recovery* tal-istess *claim,* li pero' ghas-skop tal-artikolu 8.2.2 l-istess socjeta' konvenuta dan setghet taghmlu biss in kwantu jirreferi ghaz-zewg socjetajiet garanti fuq indikati u mhux ghal dak li huma terzi persuni bhal azzjonisti tal-istess socjetajiet, u fil-fatt fit-termini tal-istess artikolu s-socjeta' konvenuta qatt

ma insistiet li s-socjeta' attrici kellha tiehu sentenza kontra l-istess socjatijiet garanti, u dan peress li hija kienet taf li tali socjetajiet waqfu joperaw u *di piu`* ma kellhomx minn fejn ihallsu, ghalkemm il-merkanzija spedita jidher li kienet ghandhom pero' mhux privilegjata. Dan kien iwassal ghall spejjez inutili bla ebda prospett ta' hlas, u la darba din hija s-sitwazzjoni qatt ma jista' jinghad, kif qed tghid is-socjeta' konvenuta, li dan ghandu jwassal ghac-cahda tat-talba tas-socjeta' attrici, stante li fic-cirkostanzi s-socjeta' attrici ma setghetx tithallas mill-garanti stante li dawn kienu insolventi, fatt accettat mis-socjeta' konvenuta.

Illi abbazi tal-principju li l-kuntratti jridu jigu interprettati in buona fede u wkoll fil-kuntest tal-principju ta' *uberrimae fidae* fil-kuntest ta' poloz ta' assikurazzjoni jsegwi li la darba tali proceduri kontra l-garanti ma kienu ser iwasslu ghal ebda hlas, u la darba dan ma kienx dovut ghal xi att jew mankanza *da parte* tas-socjeta` attrici din il-kondizzjoni ma ghandhiex tintuza bhala mezz sabiex tigi obvjata t-talba attrici, iktar u iktar meta huwa fatt accettat li tali proceduri qatt ma kienu ser iwasslu ghall-hlas kontemplat u dan ukoll in konformita' mal-principju *"nemo impossibilia tenetur",* peress li s-socjeta' attrici fic-cirkostanzi ma setghetx tottejni l-hlas minghand l-istess garanti insolventi u bla assi ta' xejn.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti tirrileva ulterjorment illi l-polza tipprovdi x'azzjoni ghandu jiehu l-assikurat fl-eventwalita' li jinduna li hemm *loss*. L-artikolu 12. 4 jipprovdi s-segwenti:

*INSURED TO TAKE ACTION*

*12.4. Notwithstanding the provisions of Clause 12.3, upon discovery of any event likely to give rise to a loss under any Contract the Insured shall also:*

*12.4.1. within 20 days of Due Date of Payment send a reminder to the Buyer concerned;*

*12.4.2 within a further period of 20 days following action as specified in Clause 12.4.1., provide a second reminder to the Buyer concerned;*

*12.4.3. no later than 60 days from Due Date of Payment cease all further dispatches of goods to the Buyer concerned and, in addition, provide a further reminder by recorded delivery or registered mail to the Buyer concerned."*

Illi dan is-socjeta' attrici ghamlitu kollu u fl-ebda mument ma kien hemm talba mis-socjeta' konvenuta li s-socjeta' attrici ghandha tagixxi gudizzjarjament kontra s-socjetajiet garanti gudizzjarjament u dan proprju ghaliex dawn kienu insolventi, u b'dan giet mgharfa l-istess socjeta' konvenuta anke direttament mill-konsulent legali taghha fl-Isvezzja. L-uniku referenza li ssir ghall-azzjoni gudizzjarja f'dana l-artikolu 12 huwa l-artikolu 12.4. fuq citat li jghid li l-assikurat huwa obbligat jawtorizza lis-socjeta' assikuratrici tipprocedi gudizzjarjament ghall-irkupru tal-kreditu, u dwar dan issir

riferenza ghal dak li inghad iktar il-fuq dwar l-irkupru tal-istess ammonti li jkunu thallsu sussegwenti ghall-*claim.*

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha filwaqt li l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ghandhom jigu michuda.

**III. <u>LIKWIDAZZJONI TA' DANNI.</u>**

Illi din hija talba sabiex tigi inverita' sodisfatta l-*claim* tas-socjeta' attrici, u jidher li ghalkemm kien hemm *Amended Credit Approval ta' Lm55,000* skond id-dokument datat 27 ta' April 1992 a fol. 7 tal-process, jidher li l-ammont tal-*claim* u cioe' tal-ammont li ma giex imhallas mis-socjeta' Micro Sport AB kien ta' Lm35,000 kif jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Victor Agius a fol. 72 tal-process, u dan rappresentanti fatturi li ma thallsux mis-socjeta' Micro Sport, kif jidher *inter alia* mill-istess fatturi esebiti bhala Dok. "S1" u "S2", u kif jidher mid-dettalji tal-istess *claim* indikati fil-*claim* sottomessa lis-socjeta' attrici a fol. 124 tal-process.

Illi dan l-ammont kollu ma huwiex dovut mis-socjeta' konvenuta stante li *ai termini* tal-artikolu 1 tal-polza hija kellha thallas biss il-*Guaranteed Percentage,* li skond l-istess *claim* maghmula mis-socjeta' attrici tammonta ghall-85% tat-telf jew l-ammont mhux imhallas mix-xerrej, u ghalhekk l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta skond l-istess polza huwa ta' Lm29,750 u cioe' 85% tal-ammont ta' Lm35,000.

Illi minn dan l-ammont trid titnaqqas is-somma ta' Lm426.43 rapprezentanti is-sehem ta' 15% tal-ispejjez legali inkorsi mis-socjeta' konvenuta kif jirrizulta mid-dokument datat 15 ta' Frar 1993 a fol. 129 tal-process u esebit bhala Dok. "S5", u ghalhekk l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta huwa ta' Lm29,750 - Lm426.43 = Lm29,323.57 li qed jigu likwidati *ai fini* tat-tieni talba attrici.

## IV. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija legalment tenuta w obbligata li taghmel tajjeb ghad-danni li sofra l-attur konsegwenza ghal riskju kopert mill-polza ta' assikurazzjoni.

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' disa' u ghoxrin elf, tlett mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm29,323.57).

3. Tikkundanna s-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-attur nomine s-somma hekk likwidata ta' disa' u ghoxrin elf, tlett mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm29,323.57).

Bl-ispejjez komprizi dawk tas-sentenza tal-15 ta' Novembru 1996 u bl-imghax kummercjali mid-data tal-11 ta' Novembru 1992 data meta giet sottomessa l-istess *claim* lis-socjeta' konvenuta sad-data tal-effettiv pagament kontra l-istess socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**31 ta' Jannar 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**31 ta' Jannar 2002**